**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 46 – IL-ĦAMIS 25 TA' OTTUBRU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant (5:40p.m.) | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-LAQGĦA NUMRU 45

1.1 Il-minuti numru 45 inqraw u wara ġew approvati tliet voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sur Massimo Scerri u astenzjoni mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, daħal għal-laqgħa tal-Kunsill.

1.3 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata bi tliet voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sur Massimo Scerri u żewġ astenzjonijiet minn Dr Marc Sant u mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. KORRISPONDENZA – PPP – TOROQ

2.1 Wara li nqrat l-ittra ta' Polidano Brothers Ltd. biex jitħallas il-kont pendenti dwar ix-xogħlijiet tal-PPP-Toroq, il-Kunsill unanimament approva biex il-kont maħruġ mill-Perit John Rizzo Naudi jiżdied miegħu l-ammont ta' €1,500.00, li huma l-penali mħallsa bħala spejjeż lil sid il-ħanut, *ironmonger*, Mr Joe Fenech.

2.2 Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-Perit John Rizzo Naudi, li kien preżenti waqt din il-laqgħa biex dan jieħu ħsieb biex jinsisti mall-kuntrattur, Polidano Brothers Ltd., jagħmel xogħol meħtieġ ta' tiswija fejn hemm bżonn fit-toroq ta' dan il-proġett.

## 3. RAMPI FI TRIQ ANNIBALE PRECA, ĦAL LIJA

3.1 Il-Kunsill kien irċieva diversi lmenti dwar ir-rampi li tpoġġew fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija, mill-ewwel ġurnata li dawn saru.

3.2 Il-Kunsill immedjatament ġibed l-attenzjoni tal-Perit John Rizzo Naudi, biex dan jieħu ħsieb li dawn ir-rampi jsiru skont l-*istandards* meħtieġa.

## 4. BANKINA FI TRIQ SANT'ANDRIJA, ĦAL LIJA

4.1 Il-Kunsill approva targa tal-konkos quddiem il-ħanut tal-*ironmonger*, is-Sur Joe Fenech, kif immarkata mill-Perit biex issir mill-ħaddiema tal-IPSL.

## 5. APPLIKAZZJONI TAL-ERDF

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, poġġa quddiem il-Kunsill il-*file* tal-ERDF.

5.2 Dr Marc Sant staqsa għalfejn filwaqt li l-korrispondenza mingħand il-MEUSAC kienet qed tgħid li l-informazzjoni ma kienitx kompleta jew li kien hemm dokumenti neqsin, fil-minuti taż-żewġ laqgħat ta' April 2010 tniżżel li kollox kien mixi tajjeb fl-applikazzjoni.

5.3 Dr. Marc Sant staqsa ghalfejn il-korrispondenza tal-MEUSAC ma kienetx issemmiet fil-minuti u l-anqas fl-incoming mail report u ma ma kienx deher l-ebda pagament fl-iskeda tal-payments.

5.4 Dr Marc Sant qal li kien tard wisq li sentejn u nofs wara li saret il-ħaġa, issa l-file jitpoġġa fil-Kunsill.

5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, irrefera għall-ittra f'dan il-file li tikkonferma li l-applikazzjoni daħlet fid-data stabbilita u ġiet aċċettata mill-uffiċċjal tal-Planning and Priorties Coordination Division (PPCD) OPM.

5.6 Is-Segretarju rrefera wkoll għar-risposta ta' Dr. Vanni Xuereb, fejn dan apprezza meta kien infurmat li l-applikazzjoni li kienet tlestiet wara l-ħidma ta' l-*istaff* tal-MEUSAC kif ukoll l-*istaff* tal-Kunsill, kienet ġiet ippreżentata u aċċettata fl-uffiċċju PPCD, OPM.

5.7 Ġiet ippreżentata wkoll konferma mill-Perit John Rizzo Naudi, fejn dan spjega li ma kienx possibli għalih li jkompli jimla l-applikazzjoni flimkien mal-MEUSAC għar-raġuni li huwa ma kienx akkreditat fil-qasam tar-restawr.

5.8 Dr Marc Sant talab jekk l-*email* tal-Perit John Rizzo Naudi kellix data.

5.9 Dr Marc Sant qal li din ma kellix.

5.10 Dr Marc Sant qal li *d-direct order* ta' €2,000 kien għall-Perit ieħor, li hemm imniżżel fil-minuti tat-8 ta' April 2010 li kien diġa tqabbad.

5.11 Is-Segretarju Ezekuttiv, s-Sur Alfred Buhagiar kkonferma wkoll ix-xogħol li sar mill-Perit Claude Busuttil, biex dan ipprepara pjanti professjonali dwar ir-restawr tal-Belvedere u l-kompilazzjoni bid-dettal meħtieġ tal-applikazzjoni li kien wettaq fi żmien limitat ħafna qabel id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni.

5.12 Ġie spjegat ukoll li ma kienx hemm pagament tal-multa mħallsa lil-MEUSAC għar-raġuni li din kienet tnaqset mis-somma ta' €500.00 li kienet iddepożitata mill-Kunsill.

5.13 Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, ġibed l-attenzjoni li skont informazzjoni li kienet twasslet lilu mingħand persuna li taħdem il-MEUSAC, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien 'blacklisted'.

5.14 Dr Marc Sant għamel spjegazzjoni ta' kif sar jaf dwar dan u qal li kien għamel kuntatt mal-MEUSAC biex isaqsi fuq xi inizjattivi u meta tkellem ma din il-persuna, hi qaltlu li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien 'blacklisted'.

5.15 Il-Kunsill insista li tkun magħrufa din il-persuna b'mod immedjat biex jassigura li jittieħdu passi meħtieġa dwar din l-allegazzjoni.

5.16 Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, ma riedx jgħid lill-Kunsill min hija din il-persuna li għamlet l-allegazzjoni. Għalhekk is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, iddikjara li kien ser jitlob spjegazzjoni uffiċċjali mingħand il-MEUSAC.

5.17 Il-Kunsillier Dr Marc Sant qali li ma xtaqx jgħid l-isem quddiem kulħadd imma kien lest li jgħid l-isem tal-persuna lis-Sindku.

5.18 Huwa qal ukoll li kien lest li jitkellem ma din il-persuna sabiex tikkonferma l-kliem li kienet qaltlu.

## 6. OFFERTI

### A. OFFERTI LATRINI PUBBLIĊI U GĦAMARA TAT-TOROQ

6.1 Il-Kunsill unanimament approva biex iż-żewġ offerti msemmija hawn fuq, jiġu aġġudikati fil-laqgħa li jmiss.

6.2 Il-Kunsilliera għandhom jeżaminaw dawn l-offerti qabel il-laqgħa.

### B. OFFERTI OĦRA

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku.

6.4 Huwa qal li fir-rigward ta' din l-offerta, kienet inġibdet l-attenzjoni tal-awditur biex tinħareġ sejħa għal din l-offerta.

6.5 Din l-offerta kienet inħarġet u ġiet ippublikata fis-16 ta' Marzu 2012 u bdiet taħdem fl-1 ta' Lulju 2012.

6.6 Fir-Rigward ta' servizz ta' Avukat, Perit/*Contract Manager*, u *Accountant*, għar-raġuni li l-ħlas ta' dawn is-servizzi ma jaqbiżx ċertu ammont, ma kienx hemm għalfejn tinħareġ quotation. Pero, il-Kunsill xorta waħda jista' joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għas-servizzi msemmija hawn fuq.

## 7. ĦARĠIET KULTURALI

7.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsilliera approvaw unanimament biex il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza trasport għal dawk ir-residenti li jixtiequ jattendu għall-attività 'Birgu Fest' li ser issir nhar id-19 u l-20 ta' Ottubru 2012.

## 8. SINJALI TAT-TRAFFIKU

A. TRIQ ĠUISEPPI CALI

8.1 Il-Kunsilliera unanimament qablu biex titressaq talba lil-Transport Malta biex flok 'No Entry Except for Residents' fi Triq Guiseppi Cali, Ħal Lija, il-*parking base* f'din it-Triq ikunu għar-residenti biss bħal ma hemm f'lokalitajiet oħra.

B. BANKINA FI TRIQ SIR UGO MIFSUD

8.2 Il-Kunsilliera unanimament qablu li l-bankina li tpoġġiet minn Transport Malta fi Triq Sir Ugo Mifsud (ħdejn il-każin tal-Banda San Pio X), hija dejqa u twila ħafna u mhux possibli tgħaddi *pushchair* jew *wheelchair*. Għal din ir-raġuni għandha tinġibed l-attenzjoni tat-Transport Malta dwar dan.

## 9. ARMAR BID-DAWL GĦAL ŻMIEN IL-MILIED

9.1 Il-Kunsill unanimament approva biex bill-kollaborazzjoni tal-festi esterni, jerġa' jsir l-armar bid-dawl fi Pjazza u Vjal Trasfigurazzjoni bħas-sena li għaddiet.

## 10. ŻBIR TA' SIGAR QUDDIEM IL-KNISJA TAS-SALVATUR

10.1 Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni tal-ELC biex isir żbir tas-siġar taż-żebbuġ li hemm quddiem il-knisja tas-Salvatur u wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet oħra qabel ma titieħed deċiżjoni.

## 11. *CLAIMS* TA' ĦSARAT

11.1 Wara li ġie spjegat il-proċess dwar *claims* li jsiru lill-Kunsill minħabba ħsarat ta' vetturi fit-toroq, il-Kunsilliera qablu biex il-warden u l-Pulizja għandhom ikunu avżati biex meta jsir rapport dwar ħsarat għandha ssir *on-site inspection* ta' fejn seħħ l-inċident biex il-Kunsill ikun aċċertat li l-inċident seħħ atwalment.

## *12. PHOTOCOPIER / FAX / PRINTER*

12.1 Il-Kunsill approva biex jinġabru l-kwotazzjonijiet biex tinxtara *photocopier*.

## 13. ORNAMENTAL LANTERNS FI VJAL TRASFIGURAZZJONI

13.1 Il-Kunsill approva biex jinxtraw sitt ornamental lanterns fuq l-istess offerta mingħand E. Calleja Ltd. bħal dawk li hemm fil-parti ta' fuq fi Vjal Trasfigurazjoni.

13.2 Il-Kunsill approva wkoll biex il-*plastic pipes* u *cable* tad-dawl jinxtraw mingħand Joe Fenech *ironmonger.*

## 14. LAQGĦA

14.1 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 1 ta' Novembru 2012 fil-5:30p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |